MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 1062/2005

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Versus***

**Joseph Coppini**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi l-konvenut irodd wieħed u erbgħin elf, mija u sebgħa u erbgħin lira u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm41,147.34), daqs ħamsa u disgħin elf, tmien mija u sebgħa u erbgħin euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€95,847.52), bilanċ ta' self magħmul b'kuntratt tad-29 ta' Jannar 2009 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa u b'kuntratt ieħor tas-17 t'Awissu 2000 fl-atti tan-Nutar Daniela Mifsud Buhagiar, billi qiegħda tgħid illi seħħew il-kondizzjonijiet biex tista' titlob il-ħlas lura tal-bilanċ kollu tas-self. L-attriċi qiegħda titlob ukol l-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Novembru 2003 u tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat flimkien maċ-ċitazzjoni, u l-imgħaxijiet mill-5 t'Ottubru 2005 sa meta jsir il-ħlas.

Il-konvenut, għalkemm notifikat bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, la ressaq eċċezzjonijiet u lanqas deher għas-smigħ tal-kawża, u lanqas għamel sottomissjonijiet bil-miktub għalkemm ingħata żmien għalhekk kif igħid u jrid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Mix-xiehda mressqa mill-attriċi jidher illi tassew illi l-konvenut għandu jagħti daqskemm mitlub fiċ-ċitazzjoni, u illi l-bilanċ tas-self għandu jintradd minnufih.

Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi tilqa’ t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi ħamsa u disgħin elf, tmien mija u sebgħa u erbgħin euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€95,847.52), flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------